**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 11

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 18 ta' Frar 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5:00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm ħadd assenti b'aploġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 11.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

11.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

## 11.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 10

11.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-għaxar laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

11.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

11.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia l-minuti tal-għaxar laqgħa ġew approvati unanimament.

## 11.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

11.3.1 <u>Xogħlijiet ta' wiċċ ġdid Triq Mons.J.Fenech (ex Triq Preziosi)</u>

Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħlijiet ta' wiċċ ġdid fi Triq Mons Joseph Fenech (ex Triq Preziosi). Huwa spjega kif wara ħafna ħsieb u laqgħat mill-amministrazzjoni u l-entitajiet kkoncernati ntlaħaq ftehiem mal-WSC u IM dwar il-pożizzjoni tal-kunsill fil-pagamenti tax-xogħlijiet involuti. Minn naħa ta' IM ġiet kkonfermatha s-somma ta' €146,000 (vat included) biex ssir din it-triq.

Minn naħa ta' WSC kienu ntbgħatu imejl żewġ Bills of Quantities relatati max-xogħol li se jsir mill-Korporazzjoni f'din it-triq, wieħed bis-somma ta' €40,745.81 (tal-potable water) u l-ieħor bis-somma ta' €12,166.15 (sewer). Fl-laqgha li s-Sindku kellu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv oġġezzjonaw għal dawn il-kontijiet. Pero rriżulta li nbidel l-Inġinier li se jieħu ħsieb il-proġett minn naħa ta' WSC, u għalhekk reġgħat saret laqgħa oħra mal-inġinier il-ġdid inkarigat. L-inġinier il-ġdid ikkonferma li l-Kunsill m'għandux joħroġ l-ebda minn dawn l-ispejjeż u li għalihom ser tagħmel tajjeb il-korporazzjoni WSC. Din il-konferma ġiet anke bil-miktub il-Kunsill.
Issa ma fadal xejn ħlief li jibda dan il-proġett.

11.3.2 <u>Xogħlijiet ta' uċuħ ġodda ta' bankini bl-għajnuna tal-Public Works Department (Triq Mikielanġ Borg, Triq Antonio Azzopardi u parti minn Triq il-Mitħna)</u>

Is-Sindku qal kif waqt li kienu qed isiru xi xogħlijiet urġenti mill-WSC fi Triq Mikielanġ Borg irriżulta li ma kienux jafu li se jinbidlu l-bankini. Huwa avviċina lil ħaddiema u għamel kuntatt immedjat mal-foreman inkarigat mix-xogħol li kien qed isir. Kompla jgħid kif informa lil Inġinier fejn għandu jsir ix-xoghol u l-inġinier kellu jkellimu lura. Finalment jidher li ma kienx hemm konsultazzjoni kif isir is-soltu mal-entitajiet qabel jibdew ix-xogħlijiet. Is-Sur Dalli kellem lil Perit tal-Public Works Department fejn dan ikkomunika mal-entitajiet kollha u finalment ser jsiru xi xogħlijiet meħtieġa fil-bankini msemmija.

11.3.3 <u>Kappella il-Qadima tas-Salvatur</u>

Is-Sur Dalli qal kif ġie nfurmat mill-Kappillan li Heritage Malta qed tagħmel xi xogħlijiet fuq l-irħam li hemm fl-art fil-Kappella. Dan qed isir bħala xogħol addizzjonali mar-restawr tal-faċċata.

## 11.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

11.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 11.5 Korrispondenza

11.5.1 Għal din is-seduta ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera dwar ir-rapport tal-korrispondenza.

## 11.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Raba' Rapport ta' Kull kwart għall-perjodu Jan sa Diċ 2024

11.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill ir-raba' rapport ta' kull kwart għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2024. Kopja tar-rapport intbgħatet lil Kunsilliera kollha qabel is-seduta. L-ispjegazzjoni ta' dan ir-rapport ingħatat mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sinjura Seguna flimkien mas-Sindku.

11.6.2 Is-Sindku ta spjegazzjoni tar-rapport fejn qara l-figuri kif ġej. Huwa qal li l-kunsill kellu dħul totali ta' €417,821, nefqa totali ta' €413,191 u dan irriżulta fi surplus ta' €4,630. Is-Sindku kompla jispjega r-rapport billi ta *breakdown* aktar iddettaljata kemm tad-dħul u kif ukoll tan-nefqa li kellu l-kunsill tul dan il-perjodu. Il-*financial situation indicator* għal dan il-perjodu kienet ta' 71%. Il-cash balances fl-aħħar ta' dan il-perjodu kienu ta' €315,840.

11.6.3 Fuq bażi ta' din l-ispjegazzjoni s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk kellhomx xi mistoqsijiet addizzjonali li xtaqu jagħmlu. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

11.6.4 Il-Kunsill approva dan ir-rapport unanimament fuq proposta tal-Kunsillier Carl Betts li kien issekondant mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini.

## 11.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-abbozz tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2024 (Unaudited Financial Statements 2024)

11.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-kunsill ir-rapport tal-abbozz tal-Istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2024.

11.7.2 Is-Sindku spjega l-importanza ta' dan ir-rapport billi tkellem fid-dettall fuq id-dħul u l-ispejjeż li kellu l-Kunsill għas-sena 2024. Huwa tkellem ukoll fuq il-profit li għamel il-kunsill. Huwa qal li dan ir-rapport fih jiġbor l-informazzjoni kollha dwar is-sistema ta' *accounts* li għandu l-kunsill u dan ir-rapport ġie propju ppreparat għall-*audit* li ser isir dalwaqt bħala rendikont tas-sena 2024.

11.7.3 Ir-Rapport tal-abbozz tal-Istqarrijiet Finanzjarji għas-sena 2024 ġie approvat unanimament mill-kunsill, fuq proposta tal-Kunsillier Carl Betts li kien issekondat mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini.

## 11.8 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

11.8.1 <u>Imejl street naming committee – Sqaq ta' Sejduna, Ħal Lija</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv reġgħat ressqet fuq il-mejda l-imejl li kienet intbgħatet mingħand l-istreet naming committee dwar żewġ trejqiet fl-isqaq ta' Sejduna mingħajr isem, fejn il-Kunsill ġie mitlub biex jibgħat il-proposti tiegħu ħalli dawn jingħataw isem. Is-Sa Seguna staqsiet lis-Sindku u l-Kunsilliera jekk ħasbux f'xi ismijiet u x'inhuma l-proposti tagħhom.

11.8.2 Is-Sindku qal kif huwa għadu għaddej bir-riċerka u anke qed jikkonferma xi ismijiet li jistgħu jingħataw mal-uffiċċju tal-Kappillan. Huwa spjega kif sab xi informazzjoni li f'dik l-akwata kien hemm xi kappella ddedikatha lil San Bartimlew, allura bix-xieraq ikun hemm triq minnhom jisimha hekk. Huwa tal-opinjoni li tinġieb aktar riċerka dwar il-knejjes li kien hemm fl-akwata u għal liema qaddisin kienu iddedikati u l-Kunsill jiddeċiedi minn hemm kif ser jipproċedi.

11.8.3 Il-Kunsilliera kollha qablu ma' dak li qal is-Sindku.

11.8.4 <u>SPI/SCI/02/2025 – Skema Għall-attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ċirkulari kif mibgħutha mid-Dipartiment bl-isem 'Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali 2025/2026 li b'permezz ta' din l-iskema il-Kunsill jkun jista jtella attivitajiet kulturali. Din l-iskema tkopri attivitajiet bejn il-Ħadd 1 ta' Ġunju 2025 u l-Ħadd 31 ta' Mejju 2026. Il-Kunsill jista japplika għall-attivita waħda biss u din l-iskema tiffinanzja 85% sa massimu ta' 20,000 EUR u l-Kunsill irrid joħroġ is-somma tiegħu ta' 15%. L-applikazzjoni trid tidaħħal sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu 2025.

11.8.5 Il-Kunsill kollu unanimament qabel li ssir applikazzjoni biex jitella l-Festival taċ-Ċitru 2026.

11.8.6 <u>SPI/SCI/03/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ċirkulari kif mibgħutha mid-Dipartiment bl-isem 'inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa li b'permezz ta' din l-iskema il-Kunsill jkun jista jagħmel attivitajiet ta' clean-up f'postijiet pubbliċi. Din l-iskema tkopri attivitajiet bejn it-Tlieta 1 ta' Settembru 2025 u t-Tlieta 30 ta' Settembru 2025. Din l-iskema tiffinanzja sa massimu ta' 1,500 EUR. L-applikazzjoni trid tidaħħal sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 22 ta' April 2025.

11.8.7 Il-Kunsill iddeċieda li ma jissottometti l-ebda applikazzjoni taħt din l-iskema.

11.8.8 <u>SPI/SCI/04//2025 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill ċirkulari kif mibgħutha mid-Dipartiment bl-isem 'Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2025 li b'permezz ta' din l-iskema il-Kunsill jkun jista jtella attivitajiet tal-Milied. Din l-iskema tkopri attivitajiet bejn it-Tnejn 1 ta' Diċembru 2025 sal-Erbgħa 08 ta' Jannar 2026. Il-Kunsill jista japplika għall-attivita waħda biss u din l-iskema tiffinanzja 85% sa massimu ta' 15,000 EUR u l-Kunsill irrid joħroġ is-somma tiegħu ta' 15%. L-applikazzjoni trid tidaħħal sa mhux aktar tard minn nhar it-Tlieta 27 ta' Mejju 2025.

11.8.9 Il-Kunsill iddeċieda li japplika għal din l-iskema biex jerġa jsir Christmas Market. Pero huwa importanti li qabel issir l-applikazzjoni s-Sindku ser jieħu ħsieb ilaqqa lill-għaqdiet kollha biex għal Milied 2025 kemm il-darba jkun hemm qbil li l-għaqdiet jerġgħu jorganizzaw Christmas Market flimkien, jsostnu din l-attivita aħjar u jieħdu ħsiebha aktar. Il-Kunsilliera qablu mas-Sindku li l-ewwel il-Kunsill għandu jara x'jixtiequ l-għaqdiet. Il-Kunsill jista anke jinkludi għaqdiet li jagħmlu l-karita.

11.8.10 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni biex jinħareġ il-fuljett li jmiss – Ġunju 2025</u>

Is-Sindku Anthony Dalli nforma lil Kunsilliera kollha kif ser jibda jaħdem biex jinħareġ il-fuljett tal-Kunsill li jmiss għal Ġunju 2025. Huwa talab write up lil Kunsilliera kollha dwar il-ħidma tagħhom u laqgħat li attendew biex dawn jiġu nklużi fil-fuljett.

11.8.11 Il-Kunsilliera ħadu nota u ma kellhomx oġġezzjoni.

11.8.12 <u>Imejl dwar Kunsiderazzjoni ta' BCRS hub ġewwa Ħal Lija</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet imejl dwar implimentazzjoni ta' BCRS hub ġewwa Ħal Lija għall-kunsiderazzjoni tal-Kunsilliera kollha. Oriġinarjament fil-Kunsill preċedenti kien hemm ftehiem biex din il-hub tiġi stazzjonatha fil-pjazza wara l-latrini. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-imejl mibgħutha.

11.8.13 Is-Sindku pero tal-idea li din ma ssirx fil-pjazza peress li minn dak iż-żmien l-hawn li ttieħdet id-deċiżjoni biex issir fil-pjazza avviċinawh ftit nies bi kummenti mhux daqshekk pożittivi. Kien hemm minn ilmenta li ma tkunx postha fil-pjazza fost ir-raġunjiet minħabba l-istorbju x'ħin jitafgħu l-flixken u anke minħabba li jaf iġġib il-ħmieġ. Għalhekk is-Sindku qal li huwa għandu ħsieb biex din minnflokk issir fejn l-ibins fi Triq San Mikiel għaliex b'hekk tkun anke monitered permezz ta' camera. Huwa saqsa lil Kunsilliera kollha jekk jaqblux jew jekk għandhomx xi ideat ta' siti oħra.

11.8.14 Il-Viċi Sindku Calcedonio Cini qal li huwa jaqbel perfettament ma' dak li qal is-Sindku anke minħabba l-fatt li fi Triq San Mikiel il-hub żgur tkun monitered. Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia qalet li lilha avviċinawha n-nies jgħidulha li tajjeb jekk il-hub issir x'imkien ċentrali fil-pjazza u li anke l-kunsill missu jagħmel oħra x'imkien ieħor biex jilħaq lir-residenti kollha anke dawk li ma joqgħodux daqshekk fil-qalba tar-raħal. Minkejja dan hija qablet ukoll mad-diskors tas-Sindku.

11.8.15 Il-Kunsilliera Diane Abela Penza qalet li għaliha 'eyesore' jekk il-hub issir fil-pjazza u għalhekk qablet ukoll ma' dak li qal is-Sindku. Hija wkoll tat l-opinjoni tagħha fejn issuġġeriet biex issir Public consultation man-nies dwar fejn għandu jkun is-sit tal-hub. Is-Sindku però wieġeb li mhux viabbli issir konsultazzjoni peress li din żgur tieħu fit-tul u l-Kunsill obbligat imexxi minnufih u jagħżel sit b'mod imminenti minħabba l-ftehiem li kien diġà sar dwar l-implimentazzjoni ta' din il-hub. Il-Kunsillier Betts oġġezzjona u kontra li l-hub issir fil-pjazza minħabba l-estetika tar-raħal u kif issuġġerixxa s-Sindku qal li huwa jaqbel li din il-hub ssir fi Triq San Mikiel fejn diġà hemm il-bring-in-sites l-oħra.

11.8.16 Finalment il-Kunsilliera kollha qablu li din il-hub tal-BCRS għandha ssir fi Triq San Mikiel kantuniera ma' Mosta Road fejn il-bring-in-sites li diġà hemm. Kien hemm qbil ukoll li f'każ li jkun hemm xi spejjeż żgħar biex isir tibdil fil-post fuq l-applikazzjoni, il-Kunsill ser jagħmel tajjeb għal dawn l-ispejjeż kemm il-darba jiġi mitlub. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ser jieħdu ħsieb jikkuntattjaw lir-rappreżentant ta' BCRS b'dan il-feedback.

11.8.17 **<u>Imejl dwar talba għal żewġ double yellow lines fi Triq Sant Andrija Sqaq nru 1</u>**
Tressqet talba mingħand residenta biex fi Triq Sant Andrija Sqaq nru 1 jiġu mplementati żewġ double yellow lines, wieħed ma' ġenb tal-garaxx tagħha u l-ieħor fil-kantuniera. Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda ir-ritratti mmarkati kif mibgħutha mir-residenta.

11.8.18 Il-Kunsill iddeċieda li dwar dawn iż-żewġ talbiet ser tintbgħat applikazzjoni ta' line markings lil TM kif dejjem isir f'dawn il-każijiet.

11.8.19 <u>Talba għall-mera – Triq Annibale Preca</u>
Tressqet talba biex titweħħel mera għal użu ta' garaxx 107 fi Triq Annibale Preca.

11.8.20 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

11.8.21 <u>Tibdil tal-Madum ta' parti mill-bankina fi Vjal it-trasfigurazzjoni</u>
Is-Sindku għarraf lil Kunsilliera kif dalwaqt ser isir ix-xogħol ta' tibdil tal-madum fi Vjal it-Trasfigurazzjoni kif kien diġà ġie approvat fi seduta preċedenti. Il-Kunsilliera ħadu nota.

11.8.22 <u>Bandalora</u>
Is-Sindku spjega lil Kunsilliera kif hemm bandalora li fil-Festa normalment titpoġġa mal-Pjancier, li ilu fil-passat, din il-bandalora kienet ġiet mgħottija mill-Kunsill. Din il-bandalora saret vera rqiqa u biż-żmien m'għadhix ta' materjal tajjeb. Huwa tal-ħsieb li l-Kunsill jinvesti u jagħmel oħra u jekk hemm bżonn tinżamm il-Kunsill Lokali ppreservatha u tinħareġ biss mill-uffiċċju meta jkun hemm xi attività, ħalli tiżżanżan. Is-Sindku spjega kif din jaf tiswa xi 800 ewro, għalhekk l-ewwel ser jinġiebu l-kwotazzjonijiet u stampi ta' kif għandha tkun din il-bandalora u l-Kunsill jimxi minn hemm. Il-Kunsilliera ħadu nota.

11.8.23 <u>Pajp tal-ilma tal-pompa – Triq Wiġi Muscat</u>
Is-Sindku spjega lil Kunsilliera kif hemm pajp tal-ilma li jitla minn Triq Wiġi Muscat li b'permezz ta' dan il-pajp il-Kunsill jimla l-bir bil-pompa biex ikun hemm ilma il-ġnien. Dan il-pajp mhux jitla l-ilma minnu u ġarrab xi ħsara mill-aħħar li saret it-triq. Għalhekk is-Sindku qal li dan għandu jissewwa b'mod imminenti biex il-Kunsill ma jkollix għalfejn joqgħod iġib bowser biex ikollu l-ilma għat-tisqija fil-ġnien. Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni u ma sabux oġġezzjoni.

11.8.24 <u>Għodda antika</u>
Is-Sur Dalli qal li avviċinah resident minn Ħal Lija li kien dellettant tal-għodda antika, filfatt għandu kollezzjoni sħiħa fil-garaxx tiegħu. Dan ir-resident ma jridx aktar din l-għodda u jrid jbiegħ kollox u lest jagħti prezz tajjeb lil Kunsill Lokali kemm il-darba nteressat. Is-Sindku tal-ħsieb li l-Kunsill jara x'għodda hija din u jekk filkas din l-għodda tista titweħħel ġewwa il-Mitħna biex il-quddiem isservina ta' exhibition. Is-Sur Dalli talab lil Kunsilliera biex jaħsbuha u biex jekk ikollhom ċans jmorru jaraw din l-għodda. Is-Sur Dalli qal li l-Mitħna anke ser tingħata filfatt tindifa mill-ħaddiema.

## 11.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

11.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 02/25 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €178.33 għax-xahar ta' Jannar 2025.

11.9.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 02/25) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Minority Leader Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mill-Kunsillier Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 11.10 Mozzjonijiet

11.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 11.11 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

11.11.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rappreżentazzjoni dwarhom:
PA04859/24 – 46,27, Triq il-Forn c/w Triq il-Knisja, Lija.
PA00022/25 – 9/11/13/15, Triq il-Kunċizzjoni and 25, Triq il-Kunċizzjoni, Sqaq Nru 1, Lija.
PA00172/25 – 13, Triq il-Kbira,Lija.
PA00557/25 – 33, Taurcap Lodge, Triq il-Maħlut, Lija.
PA00623/25 – Silver Lining Apts, Flat 4, Triq Annibale Preca, Lija.
PA00624/25 – 10, Sunshine, Trejqet Francis Anthony Fenech, gja, Sqaq il-Kuncizzjoni, Lija.

11.11.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jipproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

11.11.3 Il-Kunsill iddeċieda li jgħid lit-town planner tikteb ittra ta' rappreżentazzjoni għal:
PA00557/25 – 33, Taurcap Lodge, Triq il-Maħlut, Lija.
PA00623/25 – Silver Lining Apts, Flat 4, Triq Annibale Preca, Lija.
PA00624/25 – 10, Sunshine, Trejqet Francis Anthony Fenech, gja, Sqaq il-Kuncizzjoni, Lija.

## 11.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

11.12.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

11.12.2 Il-Viċi Sindku nforma lil Kunsilliera kollha kif attenda għal attività fl-iskola primarja organizzatha mir-Reġjun Lvant fl-assenza tas-Sindku fejn tqassam il-ktieb (12-il distribuzzjoni) lit-tfal tal-year 5 u 6. Kull storja f'dan il-ktieb titratta dwar l-irħula li jagħmlu parti mir-Reġjun Lvant u l-karatteristiċi tar-raħal. Huwa qal kif din l-attivita kienet waħda ħelwa fejn kien hemm enfażi dwar kemm huwa importanti l-qari u t-tfal qadu jaqraw l-istejjer minn dan il-ktieb. Is-Sa Abela Penza staqsiet jekk dawn il-kotba mhux ser jingħataw lit-tfal kollha ta' Ħal Lija (anke lil dawk li ma jattendux l-iskola primarja ta' Ħal Lija). Ir-risposta kienet li iva b'xi mod jew ieħor it-tfal kollha ta' Ħal Lija li huma year 5 u year 6 f'kwalunkwe skola, jistgħu jakkwistaw wieħed jekk javviċinaw lil Kunsill.

11.12.3 Il-Viċi Sindku Ċini qal li l-ħarġa tal-Mellieħa kienet waħda ta' suċċess u kellu feedback tajjeb ħafna mir-residenti li attendew. Bħalissa huwa jinsab ukoll iffukat jaħdem fuq il-ħarġa li jmiss għar-Rabat (26.02.25) fejn kull min jattendi ser ikollu ċans iżur wirt storiku bħal mużew ta' Wigna Court, is-shelters, il-katakombi tal-mużew u l-grotta ta' San Pawl. Ser ikun hemm anke gwida tispjega. Is-Sur Ċini spjega kif kemm it-trasport u kif ukoll l-entratura tat-tour tal-mużew u l-Grotta ser ikunu ssussidjati mill-Kunsill Lokali. Umbagħad spjega kif fil-viċin ser ikun ukoll qed jaħdem fuq ħarġa fi żmien tal-ġimgħa l-kbira li aktarx issir l-Isla, iżda sa issa xejn mhu kkonfermat.

11.12.4 Il-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia reġgħat tkellmet dwar il-proġett tal-bus shelters li kienet qed tieħu ħsieb l-AKL. Hija fakret li l-Kunsill kien għamel proposti biex isiru bus shelters fi Triq Annibale Preca (fejn il-kappella tal-Mirakli) u kif ukoll fi Triq Kardinal Ferretti u talbet biex issir follow-up oħra mal-AKL. Is-Sa Farrugia Muscia talbet ukoll biex lil AKL issir follow up magħhom ukoll dwar il-proġett ta' community gardeninng li kien ukoll wera interess fih il-Kunsill Lokali.

11.12.5 Il-Kunsilliera Diane Abela Penza għarfet lil Kunsilliera kif riċenti ġie ppubblikat il-flyer dwar il-first aid course u jidher li xi nies digà urew l-interess għalih. Hija qalet li issa ser taħdem biex tara minn fejn ħa iġġib kwotazzjonijiet għal case addatatha għall-apparat tal-AED.

11.12.6 Il-Kunsilliera Abela Penza ssuġġeriet biex issiru tip ta' crossing railings fuq iż-żewġ naħat fil-parti ta' isfel ta' Vjal it-Trasfigurazzjoni ma' Triq in-Naxxar biex ma jippermettux lin-nies jaqsmu ħażin f'din l-akwata mill-kantuniera u b'hekk ikollhom jimxu aktar il-fuq. Is-Sindku wieġeb kif dan huwa suġġeriment tajjeb però bħala implimentazzjoni din hija xi ħaġa li l-Kunsill irid jiddiskuti ma' TM peress li tmiss ma' triq arterjali.

11.12.7 Il-Kunsilliera Abela Penza tkelmet ukoll dwar l-Artistic Heritage scheme tar-Reġjun. Is-Sindku qal li ser ikellem l-għaqdiet jerġa dwar din l-iskema.

11.12.8 Il-Kunsilliera Abela Penza staqsiet lis-Sindku jekk hemmx ċans tiġi rrestawratha il-Mitħna, għaliex anke hemm xi railing nieqes. Is-Sindku s-Sur Dalli, wieġeb kif il-Kunsill ilu jħabbat bibien ta' diversi entitajiet biex din tiġi rrestawratha u l-Kunsill talab anke għall-għajnuna lil Heritage Malta u biex issir evalwazzjoni. Huwa sostna kif

Heritage Malta trid tagħti l-għajnuna lil Kunsill Lokali. Il-Kunsill fil-jiem li ġejjien ser jagħti tindifa fil-Mitħna, ser jgħid lil ġardinar jdura mill-ħaxix ħażin u meta jkun iċ-ċans jekk possibbli anke jitħalleb daqsxejn il-bejt tagħha.

11.12.9 Il-Kunsilliera Abela Penza staqsiet jekk jistax jsir xi ħaġa fuq id-dawl f'parti minn Triq A. Preca għaliex id-dawl li hemm huwa wisq baxx. Is-Sindku wieġeb kif ser jagħmel site inspection biex jikkonferma jekk hemmx 30 metru bejn bozza u oħra u jara filkas x'jista jagħmel biex titjieb is-sitwazzjoni. Huwa nforma lis-Sa Abela Penza li meta titlaq bozza li tkun antika, Enemalta għandha proċedura li qed tibdila għal waħda ġdida mill-ewwel li tkun LED turi.

11.12.10 Il-Kunsillier Carl Betts tkellem fuq Triq Carmelo Farrugia(il-parti l-ġdida) fejn qal li f'din it-triq m'hemmx arbli tad-dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv u kif ukoll is-Sindku wieġbuh li dwar dan il-każ diġà marru u tkelmu ma' Enemalta diversi drabi u f'isem il-Kunsill Lokali ressqu talba biex isiru l-arbli tad-dawl għax m'hemm xejn. Ser terġa issir komunikazzjoni ma' Enemalta dwar din il-kwistjoni.

11.12.11 Il-Kunsillier Betts informa lis-Sindku kif iż-żgħażagħ tal-Festi Esterni ta' barra għadhom qed issibu data oħra biex ikunu jistgħu jiltaqgħu miegħu. Il-Kunsillier Betts fakkar ukoll li ssa f'Marzu ser jibda il-Kunsill tat-tfal.

11.12.12 Il-Ħin kien 6:45pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 25 ta' Marzu 2025 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil-5:15pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 25 ta' Marzu 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |